MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2014

Numru. 545/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**V**

**Omissis**

**Nabil Farhat A. Kouja detentur ta' passaport Libjan bin-numru 912044**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Nabil Farhat A. Kouja** li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer fit-3 ta' Gunju, 2013 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-gzejjer medicina (herojina) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa,

organizza jew iffinanzja tali assocjazjoni, bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll,

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligjiet ta’ Malta, li persuna/i minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kienu fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib Principali tal-Gvern, skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xihaga sabiex tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta, bi ksur tad-dispozizzjoni tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 u dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-LIgjiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi fit-18 ta’ Gunju, 2014 a folio 212 il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju, ghaldaqstant din is-sentenza hi biss fil-konfront tal-imputat NABIL FARHAT KOUJA.

Rat illi l-imputat wiegeb illi kien hati tal-istess a folio 8 tal-process.

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PG5 a folio 18 tal-process.

Rat illi fis-7 ta’ Awwissu, 2014 a folio 233 tal-process l-imputat Nabil Farhat Kouja irregistra ammissjoni u zamm ferm l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datata 4 ta’ Dicembru, 2014 a folio 253 tal-process.

Rat ukoll id-digriet tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet “***Ir-Repubblika ta’ Malta vs Nabil Farhat A. Kouja***”, digriet datat 9 ta’ Dicembru, 2014, fejn il-Qorti Kriminali ordnat, wara li rat l-ordni tal-Avukat Generali mahruga fl-4 ta’ Dicembru, 2014, li l-atti jintbaghtu lill-Qorti tal-Magistrati.

Rat ghalhekk l-atti kollha tal-kawza, u ezaminat bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat ir-rapport esebit minn Godwin Sammut fit-30 ta’ Ottubru, 2013 li jinsab a folio 98 tal-process.

Rat illi Godwin Sammut fir-rapport tieghu ikkonkluda s-segwenti u cioe:

a. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 171_13_01 u 172_13_02 instabet is-sustanza eroina. Il-piz totali tat-trab kien ta’ 209.34 grammi u l-purita’ kienet ta’ cirka 21%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ malta.
b. Illi skont il-malta National Report 2011 (ara Appendici II) il-prezz ta’ l-eroina kull gramma huwa ta’ 55.50 Ewro. Il-piz totali ta’ l-eroina huwa ta’ 209.34 grammi li jaghti valur ta’ 11,618.37 Ewro.
c. Illi minhabba li t-trab il-kannella li hemm fid-dokumenti 172_13_01 u 172_13_02 (i) kien hemm l-istess cutting agents/adulterants (paracetamol, caffeine, codeine) u kienu simili bhala proportions (ii) il-purita’ kienu simili (18% vs 22%) (iii) il-iz tat-trab li hemm fid-dokument 172_13_02 huwa simili ghall-iz ta’ kapsula wahda u (iv) kien hemm l-istess impurity jindika li huma linked by a common history.

Ikkunsidrat,

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija fuq l-ammissjoni registrata.

Dwar il-piena, qieset ukoll illi fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2014 a folio 255 l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tal-Ligijiet ta’ Malta u rrimeta ruhu f’idejn il-Qorti f’liema grad.

Ghaldaqstant issib htija wara li rat l-Artikoli 22(1), 22(1)(1B), 22(2), u r-Raba’ u s-Sitt Taqsima, ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lil Nabil Farhat A. Kouja ghal sentejn u nofs (2 ½) habs u ghall-hlas ta’ multa ta’ €5,000 (hamest elef Ewro) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;

Tikkundannah ukoll, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €3151.28 (tlett elf mija u wiehed u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------